Persuni interessati għandhom jiġbru d-dokument tal-offerta fuq dritt ta' ħlas ta' €120. Ċekkijiet għandhom ikunu ndirizzati lill-Awtorità Marittima ta' Malta. Id-dokumenti tal-offerta jingabru mill-uffiċini tal-Awtorità Marittima ta' Malta, Dipartiment tal-Amministrazzjoni (Ir-Raba Sular), Ċentru tal-Kummerċ Marittimu, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, il-Marsa MRS 1917.

It-30 ta' Jannar, 2009

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Id-Direttur, Dipartiment tal-P.A.R.K.S., jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, is-17 ta' Frar 2009 fit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement*, Dipartiment tal-*Financial Management,* il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. 14/2009. Għoti ta' konkos fuq il-post fil-Park Nazzjonali Ta' Qali.

MALTA MARITIME AUTHORITY

The Malta Maritime Authority notifies that:

Sealed tenders complete with all required documents are to be submitted in the tender box of the Administration Department - Level 4, Malta Maritime Authority, Corporate Office, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa up to noon of Monday, 16th February, 2009, for:

Advt. No. Publication Ref. MMA/002/2009: Engagement of an architect regarding marine construction works at Lascaris Wharf.

Interested parties are invited to collect the tender documents against a fee of €25 from the Administration Department of the Malta Maritime Authority, Maritime Trade Centre, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa.

30th January, 2009

MALTA MARITIME AUTHORITY

The Malta Maritime Authority notifies that:

Sealed documents are to be submitted in the tender box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, up to 10.00 a.m. of Tuesday, 3rd March, 2009, for:

Advt. No. Publication Ref.: MMA/020/2008. Supply and delivery of light fittings at the Maritime Trade Centre - Phase 2

Interested parties are invited to collect the tender documents against a fee of €120. Cheques are to be made payable to the Malta Maritime Authority. The tender documents can be collected from the offices of the Malta Maritime Authority, Administration Department (Level 4), Maritime Trade Centre, Xatt l-Għassara tal-Għeneb, Marsa MRS 1917.

30th January, 2009

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

The Director, P.A.R.K.S. Department, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Contracts and Procurement Section, Department of Financial Management, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 17th February 2009 for:-

Advt. No. 14/2009. Cast in situ concrete works at Ta' Qali National Park.

Għandu jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Formoli tal-offerta jistgħu jinkisbu fuq il-ħlas rispettiv tagħhom mill-*Cash Office,* Dipartiment tal-*Financial Management,* Blokk 'A', il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mit-Taqsima tal-Kuntratti u *Procurement* (Tel. 22997567).

It-30 ta' Jannar, 2009

KUNSILL LOKALI MĠARR

Il-Kunsill Lokali Mġarr jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar it-Tlieta, l-24 ta' Frar, 2009, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. MGR OR 01/09. Provvista u tqegħid ta' granit/irħam/reżina fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Mġarr.

Il-formoli tal-offerta jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, għall-prezz ta' €50.00 kull waħda.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta.

It-30 ta' Jannar, 2009

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

Il-Kunsill Lokali Żurrieq jgħarraf illi:-

Sat-3.00 p.m. ta' nhar it-Tlieta, l-10 ta' Frar 2009, jintlaqgħu espressjonijiet ta' interess fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għal:-

Espressjoni ta' Interess Nru. ACC67/03/08b. Servizzi ta' *Accountant*.

Sat-3.00 p.m. ta' nhar it-Tnejn, it-2 ta' Marzu 2009, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CM67/06/08b. Manutenzjoni tas-sistemi tad-dawl fi ġnien pubbliku u servizzi anċillari.

Għandu jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Kopja tad-dokumenti jinkisbu mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Żurrieq, 'Ċentru tal-Komunità Joe Cassar', Triq Pietru Pawl Saydon, iż-Żurrieq ZRQ 1030.

It-30 ta' Jannar, 2009

A fee of €50 is to be charged for the procurement of each tender document.

Forms of tender may be obtained against their respective payment from the Cash Office, Department of Financial Management, Block 'A', Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Contracts and Procurement Section (Tel. 22997567).

30th January, 2009

MĠARR LOCAL COUNCIL

The Mġarr Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received up to noon of Tuesday, 24th February, 2009, for:–

Advt. No. MGR OR 01/09. Supply and laying of granite/marble/resin slabs at the Mġarr Local Council's Office.

Tender forms may be collected from the Council's Administrative Offices, 22, Triq Sir Harry Luke, Mġarr, during office hours, against a fee of €50.00 each.

The Council reserves the right to refuse any offer.

30th January, 2009

ŻURRIEQ LOCAL COUNCIL

The Żurrieq Local Council notifies that:-

Expressions of interest will be received at the Council's Administrative Office up to 3.00 p.m. of Tuesday, 10th February 2009, for:–

Exp of Interest. No. ACC67/03/08b. Services of an Accountant.

Sealed tenders will be received up to 3.00 p.m. of Monday, 2nd March; 2009, for:–

Advt. No. CM67/06/08b. Maintenance of public garden lighting systems and ancillary services.

A fee of €50.00 is to be paid for each copy of tender document.

Copy of tender documents may be obtained from the office of the Żurrieq Local Council, 'Centru tal-Komunità Joe Cassar', Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq ZRQ 1030.

30th January, 2009

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

153

Ikun jaf kulħadd illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar, 2009 (L-Onor. Imħallef Joseph Galea Debono, B.A., LL.D.) (Appell Nru 239/2008) fil-kawża fl-ismijiet:-

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

kontra

FRANCIS CUSCHIERI, 38 sena, bin Joseph u Carmen neè Mizzi, imwieled Pietà fit-18 ta' Awwissu, 1970 u residenti 56, Flat 2, Triq id-Dejqa, Valletta u detentur tal-karta tal-identità numru 388070(M);

ORDNAT l-interdizzjoni ġenerali għal żmien għaxar (10) snin fil-konfront tal-imsemmi Francis Cuschieri ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir skont l-artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara digriet tal-istess Qorti tal-20 ta' Jannar, 2009 fuq rikors tal-Avukat Ġenerali.

Illum, 26 ta' Jannar, 2009
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta)

JOSEPH SACCO
Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

It is being notified that by a judgement delivered on the 15th January, 2009 by the Court of Criminal Appeal (Hon. Mr Justice Joseph Galea Debono, B.A., LL.D. (Appeal No 239/2008) in the case:-

The Police
(Inspector Mario Tonna)

Vs

FRANCIS CUSCHIERI, 38 years, son of Joseph and Carmen neè Mizzi, born in Pietà on the 18th August, 1970 and residing at 56, Flat 2, Triq id-Dejqa, Valletta, holder of Identity Card number 388070(M)

ORDERED the general interdiction for a period of ten (10) years against the said Francis Cuschieri according to Section 109 of Cap. 9 of the Laws of Malta.

This is being published according to section 10(7) of Cap. 9 of the Laws of Malta after a decree dated 20th January, 2009 given by the same Court following an application by the Attorney General.

Today, 26th January, 2009
Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

JOSEPH SACCO
Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals

154

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-15 ta' Jannar, 2009 fuq rikors ta' MICALLEF JUDITH ET (KI 234519M) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 11 ta' Marzu, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'149, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand SCHEMBRI HENRY ET (KI 781360M).

Sufanijiet, Kompjuter u xi affarijiet oħra

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum t-Tlieta, 27 ta' Jannar, 2009.

MICHAEL PORTELLI BA, (HONS), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 15th January, 2009 on the application of MICALLEF JUDITH ET (ID 234519M), Wednesday, 11th March, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at 149, STRAIT STREET, VALLETTA, of the following items seized from the property of SCHEMBRI HENRY ET (ID 781360M).

Sofas, computer and other items

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 27th January, 2009.

MICHAEL PORTELLI, BA (HONS), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

155

B'digriet mogħti, fil-5 ta' Ġunju 2008, fl-atti tar-Rikors Numru 321/08 AF, fl-ismijiet id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali vs Ananbeh Abdel Hafez u Sabah Mohamoud Ali Alerigat, il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali vs Ananbeh Abdel Hafez u Sabah Mohamoud Ali Alerigat, fl-1 ta' April 2008, ir-rikorrenti Direttur Qrati Ċivili u Tribunali, ghar-raġunijiet premessi fir-rikors talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Issib lil intimat Ananbeh Hafez u Sabah Mohamoud Ali Alerigat ħatja ta' disprezz għall-awtorità tagħha fit-termini tat-Titolu XV11 tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 u;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimati għall-pieni preskritti mil-liġi fl-istess Titolu XVII imsemmi fir-rikors.

Bl-ispejjeż, kontra l-intimati li minn issa huma inġunti in subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhrux huma jistgħu jiġu mġiegħla biex iwieġeb għall-akkużi bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew ta' arrest.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Notifika) 1. Ananbeh Abdel Hafez, 26/27, Triq Santu Wistin, Ħamrun.

2. Sabah Mohamoud Ali Alerigat, 26/27, Triq SantuWistin, Ħamrun.

Ir-Rikors Numru 321/2008 JA, fl-ismijiet Direttur Qrati Ċivili u Tribunali vs Abdel Ananbeh Hafez et, jinsab differit għan-notifika tal-konvenuti għad-9 ta' Marzu 2009, fid-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Jannar 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree, given on the 5th June 2008, in the records of the Application Number 321/08 AF, in the names the Director Civil Courts and Tribunals vs Anabeh Abdel Hafez and Sabah Mohamoud Ali Alerigat, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names the Director, Civil Courts andTribunals vs Ananbeh Abdel Hafez and Sabah Mohamoud Ali Alerigat, on the 1st April 2008, the applicant Director Civil Courts and Tribunals for the reasons premised in the application asked this Honourable Court:

1.To find the respondent Ananbeh Hafez and Sabah Mohamoud Ali Alerigat guilty of contempt towards its authority in terms of Title XV11 of the Third Book of Cap. 12 and;

2. Consequently condemn the same respondents for the penalties prescribed by law in the same Title XVII mentioned in the application.

With costs, against the respondents who from now are summoned so that a reference to their evidence be made and who are warned that if they fail to appear they can be compelled to answer to the charges by means of a warrant of escort or arrest.

List of witnesses.

List of Documents.

Notify) 1. Ananbeh Abdel Hafez, 26/27, St. Augustine Street, Ħamrun.

2. Sabah Mohamoud Ali Alerigat, 26/27, St. Augustine Street, Ħamrun.

The Application Number 321/2008 JA, in the namesDirector Civil Courts and Tribunals vs Abdel Ananbeh Hafez et, has been put off in order that the defendants be notified to the 9th March 2009, at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 27th January 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

156

B'sentenza mogħtija mill-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX), ĠURISDIZZJONI SUPERJURI, SEZZJONI ĠENERALI, fid-9 ta' Novembru 2007 fl-atti tal-kawża Ċitazzjoni numru 171/1998/1 fl-ismijiet Ġanni Grech et vs Loreta mart George Galea et, ġie ffissat il-jum tat-Tnejn 16 ta' Marzu 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar mid-9.00 a.m. sa nofsinhar u sakemm tiġi aġġudikata l-ogħla offerta pubblika għall-BEJGĦ BL-LIĊITAZZJONI li kien ġie ordnat b'digriet tas-26 ta' Jannar 2009 li għandu jsir fl-edifizzju tal-Qorti ta' Għawdex, Misraħ il-Katidral, ir-Rabat, Għawdex tal-fondi hawn taħt deskritti.

1. Dar numru 129, Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex, bil-biċċa raba' annessa tal-kejl ta' ċirca 453m.k., stmata €556,000

2. Dar bla numru fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex, stmata €233,000

3. Mħażen numru: 22, 23 u 24, Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex, stmata €382,000

L-imsemmija fondi huma proprjetà tal-ereditarji tal-mejtin Joseph Grech u martu Mary Jane Grech.

N.B. L-imsemmijin fondi jinbiegħu bħalma ġew deskritti mill-AIC Joseph Mizzi fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-23 ta' Jannar 2009.

Reġistrutal-Qratital-Maġistrati(Għawdex),Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, illum 27 ta' Jannar 2009.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur
Qrati u Tribunali (Għawdex)

By a judgment given by the COURT OF MAGISTRATES (GOZO) SUPERIOR JURISDICTION, GENERAL SECTION, on 9th November 2007 in the records of wirt of summons number 171/1998/1 in the names of Ġanni Grech et vs Loreta mart George Galea et, the day of Monday 16th March 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, and until the highest public bid is adjudicated, as ordered by a decree given on the 26th January 2009, has been fixed for the SALE BY LICITATION, to be held at the Gozo Court's edifice in Cathedral Square, Victoria, Gozo, of the following properties:

1. House number 129, Imġarr Road, Għajnsielem, Gozo, with the land adjoined thereto measuring approximately 453square metres, valued at €556,000

2. An unnumbered house in Imġarr Road, Għajnsielem, Gozo, valued at €233,000

3. Stores number 22, 23 and 24, Imġarr Road, Għajnsielem, Gozo valued at €382,000

The said tenements are the property of the heirs of the deceased Joseph Grech and his wife Mary Jane Grech.

N.B. The said tenements will be sold as described in the report sworn to by AIC Joseph Mizzi on the 23rd January 2009.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, this 27th January 2009.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar
Gozo Courts And Tribunals

157

B'digriet mogħti, mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-16 ta' Diċembru 2008, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1081/08JRM fl-ismijiet The General Soft Drinks Company Limited (C-1591) kontra Joseph Pace (ID Nru 384735M), Maria Carmela Pace (ID Nru 182835M) u Scala Developments Ltd (C-18453) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuti a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Diċembru 2006, fl-ismijiet The General Soft Drinks Company Limited (C-1591) kontra Joseph Pace (ID Nru 384735M), Maria Carmela Pace (ID Nru 182835M) u Scala Developments Ltd (C-18453) ir-rikorrent talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

By means of a decree given by the Civil Court First Hall on the 16th December 2008, in the records of the Sworn Application number 1081/08JRM in the names The General Soft Drinks Company Limited (C-1591) versus Joseph Pace (ID No 384735M), Maria Carmela Pace (ID No 182835M) and Scala Developments Ltd (C-18453) ordered the following publication for the purpose of service of the defendants in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court First Hall on the 1st December 2006 in the names The General Soft Drinks Company Limited (C-1591) versus Joseph Pace (ID No 384735M), Maria Carmela Pace (ID No 182835M) and Scala Developments Ltd (C-18453) the applicant pleaded with respect that this Honourable Court:

1) tiddikjara (A) il-flat internament innumerat bin-numru wieħed (1) formanti parti minn blokk ta' flats esternament numerat sebgħa u tletin (37) Tignè Sea Front, Tas-Sliema inkluż is-sehem tiegħu indiviż mill-partijiet komuni tal-blokk flats bin-numru sebgħa u tletin (37) Tignè Sea Front, Tas-Sliema, kantuniera ma' Patronate Lane Sliema u (B) il-fond numru sitta u tletin A (36A) Tignè Sea Front, Tas-Sliema bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu, huma kolpiti b'ipoteka ġenerali reġistrata fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta permezz ta' nota tal-insinwa numru 8226/1992 ("Dok. C").

2) tiddikjara illi l-konvenuti baqgħu inadempjenti nonostante li ġew interpellati bil-protest ipotekarju fuq imsemmi;

3) tordna l-bejgħ b'subbasta tal-immobbli msemmi fl-ewwel talba tas-soċjetà attriċi, sabiex mir-rikavat is-soċjetà attriċi tkun tista' titħallas id-debitu dovut lilha.

Bl-ispejjeż …omissis... kontra l-konvenuti.

Lista ta' xhieda

Elenku ta' dokumenti

Attriċi: The General Soft Drinks Company Limited, Mdina Road, Ħal Qormi.

Notifika:1)Joseph Pace et, Fawwara Buildings, Ġużè Fava Street, Tas-Sliema
2) Scala Developments Limited, 54, Amery Street, Tas-Sliema

Ir-Rikors numru 1081/06 JRM fl-ismijiet The General Soft Drinks Company Limited (C-1591) kontra Pace Joseph et. jinsab differit għat-12 ta' Marzu 2009 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Jannar 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

1) declares (A) the flat internally numbered number one (1) forming part of a block of flats externally numbered thirty-seven (37) Tignè Sea Front, Sliema, including his undivided share from the common parts of the block of flats numbered thirty-seven (37) Tignè Sea Front, Sliema, corner with Patronate Lane Sliema and (B) premises number thirty-six A (36A) Tignè Sea Front, Sliema, with all the rights and appurtenances thereof, are burdened with a general hypothec registered in the Malta Public Registry by means of a note of enrolment number 8226/1992 ("Dok. C").

2) declares that the defendants have failed in their obligations notwithstanding that they were called upon by the hypothecary protest above mentioned;

3) orders the judicial sale of the immovables mentioned in the first demand of the plaintiff company, so that from the proceeds the plaintiff company would be paid the debts due to it.

With costs …omissis... against the defendants.

List of witnesses

List of documents

Plaintiff: The General Soft Drinks Company Limited, Mdina Road, Ħal Qormi.

Notify 1)Joseph Pace et,.Fawwara Buildings, Ġużè Fava Street Sliema
2)Scala Developments Ltd, 54, Amery Street, Sliema

The Application number 1081/06JRM in the names The General Soft Drinks Company Limited (C-1591) against Joseph Pace et has been put off to the 12th March 2009 at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 27 th January 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

158

Ikun jaf kulħadd illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-15 ta' Jannar, 2009 - Maġistrat Dott. Miriam Hayman, (kumpilazzjoni numru 962/08) fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Cilia)
(Spettur Angelo Caruana)

vs

It is being notified that by a judgement delivered by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature on the 15th January, 2009 - Magistrate Dr Miriam Hayman, LL.D., (case no 962/2008) in the case:

The Police
(Inspector Ivan Cilia)
(Inspector Angelo Caruana)

vs

MD EAKRAMUL HASAN ta' 31 sena, bin Abdul Shalikh and Feroza Razzaque, imwieled f'Khulna, Bangladash fl-10 ta' Settembru, 1977, u residenti f'Meravelle Apartments, Flat 5, Triq il-Fliegu, Qawra, detentur ta' passaport numru X0234422 maħruġ f'Chittagong fit-13 ta'April, 2005 and jagħlaq fit-12 ta'April, 2010, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 00326307(A);

ORDNAT l-interdizzjoni ġenerali fil-konfront ta' MD EAKRAMUL HASAN kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Ġustizzja, u bħala perit, f'kull każ li jkun u dan għall-perjodu ta' għaxar (10) snin mid-data tas-sentenza u dan skond l-artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir a tenur tal-artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara degriet tas-27 ta' Jannar, 2009 mogħti mill-istess Qorti fuq nota tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Illum 28 ta' Jannar, 2009
Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta).

JOSEPH SACCO
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

MD EAKRAMUL HASAN, aged 31 years, son of Abdul Shalikh and Feroza Razzaque, born in Khulna, Bangladash on the 10th September, 1977, residing at Meravelle Apartments, Flat 5, Triq il-Fliegu, Qawra, bearing passaport number X0234422 issued at Chittagong on the 13th April, 2005 and expiring on the 12th April, 2010, holder of Maltese Identity card number 00326307(A);

ORDERED the general interdiction against the said MD EAKRAMUL HASAN and also the interdiction to serve as a witness, except before a Court of Law or from acting as referee in any case whatsoever and this for a period of ten (10) years from the date of judgement according to Section 109 of Cap. 9 of the Laws of Malta.

This is being published according to Section 10(7) of Cap. 9 of the Laws of Malta after a decree dated 27th January, 2009 given by the same Court following a note by the Commissioner of Police.

Today 28th January, 2009.
Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta)

JOSEPH SACCO
Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

159

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-2 ta' Jannar 2009 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bank of Valletta p.l.c. (C-2833) ta' 1/5, Palace Square, Valletta, ippreżentaw talba fil-10 ta' Ottubru 2008 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil P.E.N.G. Limited (C14145) ta' 5, Alhambra Flats, 18, Tower Road, Tas-Sliema u Carmel Azzopardi ta' 5, Alhambra Flats, 18, Tower Road, Tas-Sliema, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €5,941.73 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax.

Il-kawża (Avviż Nru 339/08JAB) hija differita għas-16 ta' Frar 2009 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Jannar 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 2nd January 2009, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bank of Valletta p.l.c (C2833) of 1/5, Palace Square, Valletta, filed a Claim on the 10th October 2008, whereby they asked the Court to condemn P.E.N.G. Limited (C14145) of 5 Alhambra Flats, 18 Tower Road, Sliema and Carmel Azzopardi (ID 741051M) of 5, Alhambra Flats, 18 Tower Road, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of €5,941.73 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Notice Number 339/08JAB) is put off to the 16th February 2009 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th January 2009.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

160

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-23 ta' Ottubru, 2008 fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 17 ta' Marzu, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-10 ta' Diċembru, 2007 li għandu jsir fil-kuriduri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Utile dominium temporanju għaż-żmien li fadal minn mija u ħamsin (150) sena li bdew jgħaddu mit-13 ta' Jannar 1966 tal-villa bil-garage u basement sottostanti, il-Kortin limiti tal-Mellieħa magħrufa aħjar bħala l-Kortin Estate, fi triq ġdida, mingħajr isem bla numru u magħrufa bħala 'Solefields' u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha u bħala soġġetta għaċ-ċens annwu u temporanju indikat fl-atti li huwa revedibbli, stmat li jiswa €800,000.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Noel Borg (KI 69863M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Ruben Sciortino fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fis-7 ta' Mejju 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Jannar, 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 23rd October, 2008 on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Tuesday, 17th March, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 10th December, 2007 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Utile temporary dominium for the remaining period from one hundred and fifty (150) years that started from 13th January 1966 of the villa with garage and underlying basement, Kortin limits of Mellieħa better known as Kortin Estate, in a new street, unnumbered and known as 'Solefields', with all its rights and appurtenances, and subject to the above mentioned annual and temporary revisable ground rent, valued at €800,000.

The said tenement is the property of Noel Borg (ID 69863M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Ruben Sciortino on 7th May 2008.

Registry of the Superior Courts, this 29th January, 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

161

B'digriet mogħti fl-24 ta' Ottubru 2008, fl-atti tal-Falliment 4/94 GC Falliment ta' Francis Galea, bin il-mejtin John u Maria neè Macnery, imwieled il-Floriana u residenti il-Belt, Valletta, karta tal-identità numru 141439(M), il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 514 et. sequitur tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Imħallef: L-Onor. Gino Camilleri, LL.D.

Seduta tal-24 ta' Ottubru 2008.

Falliment numru 4/94 GC

By decree given on the 24th October 2008, in the records of the Bankruptcy 4/94 GC, Bankruptcy of Francis Galea, son of the late John and Maria neè Macnery, born in Floriana and residing in Valletta, identity card number 141439(M), the First Hall Civil Court, ordered the following publication in terms of Article 514 et. sequitur of the Commercial Code, Cap. 13 of the Laws of Malta.

In the First Hall Civil Court

Judge: The Hon. Gino Camilleri, LLD.

Sitting of the 24th October 2008.

Bankruptcy number 4/94 GC.

Fl-atti tal-falliment ta' Francis Galea, bin il-mejtin John u Maria neè Macnery, imwieled il-Floriana u residenti il-Belt, Valletta, karta tal-identità numru 141439(M).

Il-Qorti,

Tipprovdi billi ai termini tal-Artikolu 514 tal-Kodiċi Kummerċjali, Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta, tammetti fil-proċeduri ta' dan il-Falliment lill-imsemmija żewġ kredituri u cioè Medland Developments Limited u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni, għall-ammonti indikati fl-imsemmija rikorsi rispettivi tagħhom u dana b'riserva għall-ammonti kollha reklamati mir-Reġistratur tal-Qorti u Tribunali Ċivili, bir-rikors tiegħu tat-8 ta' Novembru 2008 u tordna li dawn il-proċeduri jissoktaw fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2009, fl-10.00 a.m., u dan sabiex il-Kuratur kull informazzjoni rilevanti u neċessarja;

Spejjeż riservati għal ġudizzju finali.

B' ordni tal-istess Qorti hawn fuq imsemmija, tad-19 ta' Jannar 2009, dawn il-proċeduri ġew differiti għas-6 ta' April 2009, fid-9.00 a.m., sabiex il-kuratur tal-falliment, jagħti kull informazzjoni kif stabbilit mill-istess Qorti, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Jannar 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the records of the bankruptcy of Francis Galea, son of the late John and Maria neè Macnery, born in Floriana and residing in Valletta, identity card number 141439(M).

The Court,

Decides by, admitting in terms of Article 514 of the Commercial Code Chapter 13 of the Laws of Malta,to the procedures of this Bankruptcy the said two creditors and namely Medland Developments Limited and the Commissioner of Inland Revenue, for the amounts indicated in the said respective applications and this saving all the amounts claimed by the Registrar of Courts and Civil Tribunals, in his application of the 8th November 2008 and orders that these procedures continue during the sitting of the 19th January 2009, at 10.00 a.m., and this in order that the Curator gives all the relevant and necessary information.

Costs reserved to the final judgement.

By order of the same Court abovc mentioned, of the 19th January 2009, these procedures were put off to the 6th April 2009, at 9.00 a.m., in order that the curator of the bankruptcy, give every information as established by the same Court, during the sitting of the 24th October 2008.

Registry of the Superior Courts, today 28th January 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

162

B'digriet mogħti, fis-7 ta' Ottubru 2008, fl-atti tar-rikors numru 641/08 RCP fl-ismijiet Fimbank plc vs Geot Trading Limited et, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati, a tenur tal-Artikolu 187(3)u (5) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Fimbank plc (C 17003) vs Geot Trading Limited (C 15785) u Simon Diacono (658357(M) u Alfrieda Diacono (503058M) fit-23 ta' Ġunju 2008, is-soċjetà rikorrenti umilment talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

a) tisma u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12.

b) tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' €471,818, bħala kapital lilha mislufa, oltre l-ammont ta' €29,837.61 bħala mgħaxijiet pattwiti fuq l-istess kapital ikkalkolati, mid-9 ta' Novembru 2007;

ċ) a tenur tal-garanzija personali tagħhom tikkundanna lill-intimati konjugi Diacono in solidum bejniethom u mas-soċjetà intimata li jħallsu €470,000.

By decree given on the 7th October 2008, in the records of the application number 641/08 RCP in the names Fimbank plc vs Geot Trading Limited et, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, in terms of Article 187(3) and (5) of Cap. 12.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Fimbank plc (C 17003) vs Geot Trading Limited (C 15785) and Simon Diacono (658357M) and Alfrieda Diacono (503058M) on the 23rd June 2008, the applicant company humbly asked this Honourable Court;

a) to hear and decide this cause without proceeding to a hearing in terms of Article 167 to 170 of Cap. 12.

b) condemn the respondent company to pay the applicant company the sum of €471,818 as capital lent to it, besides the amount of €29,837.61 as interests agreed on the same capital, calculated from the 9th November 2007;

c) in terms of their personal guarantee condemn the respondents spouses Diacono,in solidum between them and with respondent company to pay €470,000.

Bl-ispejjeż ...omissis… u bl-imgħaxijiet kummerċjali, kif mitluba fir-rikors kontra l-intimati, li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Lista ta' Dokumenti.

Elenku ta' Dokumenti.

Rikorrenti: 7th Floor Plaza Commercial Centre, Bisazza Str, Sliema.

Intimati: 1) Geot Trading Ltd
Apartment 9,
Wenthworth, San Andrea Estates,
San Ġwann.

2& 3) Simon Diacono & Alfrieda Diacono,
No 54, 'Il-Bitħa'
Triq Giovanni Curmi,
Iklin.

Ir-Rikors numru 641/2008 RCP, fl-ismijiet Fimbank plc vs Geot Trading Limited et. jinsab differit għat-18 ta' Frar 2009, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Jannar 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs …omissis... and with commercial interests, as demanded in the application against the respondents,from now summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Documents.

List of Documents.

Applicant: 7th Floor Plaza Commercial Centre, Bisazza Str, Sliema.

Respondents: 1) Geot Trading Ltd,
Apartment 9,
Wenthworth, San Andrea Estates,
San Ġwann.

2& 3) Simon Diacono & Alfrieda Diacono,
No. 54, 'Il-Bitħa'
Triq Giovanni Curmi,
Iklin.

The Application number 641/2008 RCP in the names Fimbank plc vs Geot Trading Limited et, has been put off to the 18th February 2009, at 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 28th January 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

163

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-12 ta' Jannar, 2009, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skond l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-29 ta' Jannar, 2008, minn Maria Fenech (KI 132548M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Flats internament immarkati bin-numru wieħed (1) u tnejn (2), numru tletin (30), Flora Flats, Stagno Street, Ħal Qormi kif ukoll tal-fond numru tlieta u ħamsin (53), Dun Marju Street, Ħal Qormi.

L-imsemmi fond hi proprjetà ta' Andrew Fenech (KI 247549M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 13 ta' Jannar, 2009

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 12th January, 2009 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on 29th January 2008 by Maria Fenech (ID 132548M), is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

Flats internally marked with numbers one (1) and two (2), number thirty (30), Flora Flats, Stagno Street, Qormi and also tenement number fifty three (53), Dun Marju Street, Qormi.

The said tenement is the property of Andrew Fenech (ID 247549M).

Registry of the Superior Courts, this 13th January, 2009.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

164

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-23 ta' Jannar 2009, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12)

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-3 ta' Ottubru, 2008 fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 3 ta' Frar, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-11 ta' Lulju, 2008 li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Ħanut bl-isem 'Mark 1', ġa 'Piccadilly', Naxxar Road, Ħal Balzan, ta' kejl ta' ċirka 240 metri kwadri, soġġett ċens annwu u perpetwu ta' €23.29, stmat li jiswa €180,000.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Mark's Holdings Limited (C20059)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Godwin Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-2 ta' Ottubru 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 1 ta' Diċembru, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 23rd January 2009 given by the First Hall Civil Court, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12)

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 3rd October, 2008 on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Tuesday, 3rd February, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 11th July, 2008 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Shop named 'Mark 1', formerly 'Piccadilly', Naxxar Road, Balzan, measuring approximately 240 square meters, subject to an annual and perpetual of €23.29, valued at €180,000.

The said tenement is the property of Mark's Holdings Limited (C20059)

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Godwin Abela on 2nd October 2008.

Registry of the Superior Courts, this 1st December, 2008.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

165

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fi 27 ta' Jannar, 2009 fuq rikors ta' FARRUGIA MARY GRACE (KI 195558M) ġie ffissat il-jum tal-Erbgħa, 4 ta' Marzu, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir f'SEZZJONI SUBBASTI, QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand FARRUGIA ANTHONY (KI 845357M).

Ishma stmati li jiswew €1,729.19

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 28 ta' Jannar, 2009.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 27th January, 2009 on the application of FARRUGIA MARY GRACE (ID 195558M), Wednesday, 4th March, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held at SUBBASTI SECTION, COURTS OF JUSTICE, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following items seized from the property of FARRUGIA ANTHONY (ID 845357M).

Shares valued at €1,729.19

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 28th January, 2009.

MICHAEL PORTELLI BA (HONS), MA
For the Registrar of Civil Courts and Tribunals

166

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-5 ta' Diċembru 2008 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta 17 ta' Marzu, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-13 ta' April 2006 li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA.

Flat internament immarkat bin-numru tnejn (2) sovvrapost għall-flat numru wieħed (1) u sottopost il-flat numru tlieta (3) fi blokk numru tmienja u għoxrin (28) Bieb Bormla, Bormla liberu u frank, stmat li jiswa' €37,000.

L-imsemmi fond tappartjeni lil Gioacchino Pace (KI 401863M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Philip Grech fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-4 ta' Settembru 2008.

N.B. Il-proprjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Jannar, 2009.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 5th December 2008 on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Tuesday 17th March, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 13th April 2006 to be held at the Corridors of the Civil Court, Republic Street, Valletta.

Flat internally marked with number two (2) overlying flat numbered one (1) and underlying flat numbered three (3) in block number twenty eight (28) Bieb Bormla, Bormla, free and unencumbered valued at €37,000.

The said tenement is the property of Gioacchino Pace (ID 401863M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Philip Grech on the 4th September, 2008.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 26th January, 2009.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

167

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fil-5 ta' Diċembru 2008, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis 12 ta' Marzu, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2007, li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

1) Parti mill-fond ossia "bar and restaurant" jismu "Cherry Tree" fi Triq il-Pijunieri San Pawl il-Baħar li jinsab mibni fuq il-plot numru sbatax (17) formanti parti mill-artijiet msejjħa tat-Torba l-Bajda fil-kontrada ta' Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa €81,500.

2) Il-fond bin-numru tmienja u disgħin fi Our Lady of Sorrows Street, Ħamrun jismu "S4 Supermarket" ġa jismu "Triumph Shoe Factory" bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu kif soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' tlettax-il Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu (€13.98), stmat li jiswa €300,000.

3) Ħmistax-il garaxx internament immarkati bin-numri wieħed (1), tnejn (2), tlieta (3), erbgħa (4) ħamsa (5) għaxra (10), ħdax (11), tnax (12), tlettax (13), erbatax (14), ħmistax (15), sittax (16), sbatax (17), tmintax (18) u dsatax (19) flimkien mal-arja tagħhom sovrastanti formanti parti minn korp ta' garaxxijiet

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 5th December 2008, on the application of HSBC Bank Malta Plc, Thursday 12th March, 2009 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 3rd October 2007, to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Part of the tenement that is 'bar and restaurant' named 'Cherry Tree' in Pijunieri Street, St Paul's Bay, built on plot number seventeen (17) forming part of the lands known as 'tat-Torba l-Bajda' in the Buġibba district limits of St Paul's Bay, valued at €81,500.

2. Tenement numbered ninety eight in Our Lady of Sorrows Street, Ħamrun, named 'S4 Supermarket' formerly 'Triumph Shoe Factory' with all its rights and appurtenances subject to an annual and perpetual ground rent of thirteen Euros and ninety eight cents (€13.98), valued at €300,000.

3. Fifteen garages internally marked with number one (1), two (2), three (3), four (4), five (5), ten (10), eleven (11), twelve (12), thirteen (13), fourteen (14), fifteen (15), sixteen (16), seventeen (17), eighteen (18) and nineteen (19) with their overlying airspace forming part of a garage complex

mingħajr numru u mingħajr isem, liema korp ta' garaxxijiet huwa mibni fuq il-plots li jiffurmaw parti mit-teritorju magħruf bħala "Tal-Qagħdi" fil-kontrada ta' Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, u għal liema garaxxijiet hemm aċċess minn drive in li jagħti għal-fuq Upper Conversion Street, Buġibba, stmati li jiswew €1,300,000.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Joseph (KI 392028M) u Catherine (KI 771835M) konjuġi Spiteri.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-A/C Ruben Sciortino fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-24 ta' Ġunju 2008.

N.B. Il-proprjetà li ser tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 26 ta' Jannar 2009

ALAN ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

unnumbered and unnamed, which complex of garages is built on plots forming part of the territory known as 'Tal-Qagħdi' in the Bugibba district, limits of St Paul's Bay, and to which access is from a drive in leading upon Upper Conversion Street, Bugibba, valued at €1,300,000.

The said tenement is the property of Joseph (ID 392028M) and Catherine (ID 771835M) spouses Spiteri.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by A/C Ruben Sciortino on 24th June, 2008.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 26th January, 2009.

ALAN ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

168

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-3 ta' Diċembru 2008, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (Kap. 12)

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-6 ta' Jannar, 2009 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta PLC ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 3 ta' Marzu, 2009 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-5 ta' Ottubru, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

1. L-appartament internament immarkat bin-numru tnejn (2) li jinsab fil-blokk bini jismu "Dorset Appartments", fi Triq il-Kbira, Ħal Balzan, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €12.09, stmat li jiswa €151,410.

2. Il-garaxx internament immarkat bin-numru ħamsa (5) li jinsab fil-blokk bini jismu "Dorset Appartments", fi Triq il-Kbira, Ħal Balzan, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €2.68, stmat li jiswa €18,635.

3. Il-garaxx internament immarkat bin-numru sitta (6) li jinsab fil-blokk bini jismu "Dorset Appartments", fi Triq il-Kbira, Ħal Balzan, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €2.68, stmat li jiswa €23,294.

